MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 538/2015

**Bezzina Maritime Services Limited (C-14583)**

**vs**

**Il-Bastiment magħruf bħala "M/T Bunkertank 1"**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat mis-soċjetà attriċi fit-3 ta' Ġunju, 2015.

Rat illi għalkemm debitament notifikat il-bastiment konvenut ma ppreżenta l-ebda risposta maħlufa u għalhekk kien kontumaċi.

Rat is-sentenza tagħha mogħtija fit-13 ta' Lulju, 2015.

Rat ir-rikors tas-soċjetà attriċi li ġie ppreżentat fis-17 ta' Lulju, 2015.

Rat l-Artikolu 235 tal-Kap. 12.

Rat id-digriet tagħha tal-20 ta' Lulju, 2015 fejn ordnat in-notifika tar-rikors lill-bastiment konvenut u fejn il-kawża reġgħet ġiet appuntat għas-smigħ għal-lum.

Rat illi l-bastiment konvenut għalkemm ġie debitament notifikat bir-rikors, ma deher ħadd jirrappreżentah waqt is-seduta tal-lum.

Tilqa' t-talba kif dedotta fir-rikors tas-soċjetà attriċi ppreżentat fis-17 ta' Lulju, 2015.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant din il-Qorti b'żieda mas-sentenza tagħha fl-ismijiet premessi, li ġiet deċiża fit-13 ta' Lulju, 2015, qiegħda taqta' u tiddeċidi billi tordna lill-bastiment konvenut M/T Bunkertank I iħallas ukoll l-imgħaxijiet kummerċjali kif mitluba fir-Rikors Maħluf sad-data tal-pagament effettiv.**

**Bl-ispejjeż kontra l-bastiment konvenut.**

Moqrija

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------